# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Gimgha, 18 ta' Marzu, 2022

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 62/2020 ISB**

**Ian Zammit – K.I. 118258M**

**vs**

**Ir-Registratur Tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Ian Zammit (ID 118258M)**, pprezentat fit-12 ta' Ottubru 2020, li permezz tieghu huwa jsostni hekk:

1. *Illi r-rikorrenti huwa l-azzjonista maggoritarju fis-socjeta' Bramwell Limited, socjeta' li kienet registrata bin-numru C 19629. Illi id-direttur ewlieni tas-socjeta` kien ukoll l-istess Ian Zammit – kollox skond ma jidher mill-anness document "A"*

2. *Illi s-socjeta' Bramwell Limited giet struck off minn fuq ir-Registru tas-socjetajiet b'avviz li deher fit-3 ta' Settembru 2020, kif jirrizulta mill-annessi dokumenti mahruga mill-Registratur tas-Socjetajiet - Dok. B.*

3. *Illi ai termini tal-artikolu 300(3) tal-Kap. 386 ghadhom m'ghaddewx hames snin minn meta din is-socjeta' thassret minn fuq ir-registru.*

4. *Illi rrizulta li s-socjeta' Bramwell Limited kienet il-propjetarja ta' zewg propjetajiet immobbli li ma gewx inkluzi fil-likwidazzjoni u cioe dawk bin-numri 25 u 26 f'Sir Adriano Dingli Street Sliema. Bhala stat ta' fatt, illum, l-istess zewg proprietajiet twaqqghu u ittella' blokk appartamenti u l-istess appartamenti, ghajr ghal dak bin-numru erbgha [4] inbieghu u illum is-socjeta` tippossjedi biss l-imsemmi appartament bin-numru [4].*

5. *Illi b'rizultat ta' dawn il-proceduri is-socjeta` Bramwell Limited u l-azzjonisti taghha ser jigu pregudikati ghax ser jitlfu l-istess proprieta` meta l-istess socjeta' kienet u ghada l-propjetarja taghha.*

6. *Illi r-rikorrenti, bhala l-azzjonista maggoritarju fis-socjeta', ghandu kull interess li s-socjeta' Bramwell Limited terga' titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet, sabiex l-istess socjeta' tkun tista' validament tiddisponi minn din il-propjeta` u ir-rikavat jitqassam bejn l-azzjonisti taghha.*

7. *Illi b'hekk jezistu r-rekwiziti kollha kontemplati fl-artikolu 300A (1) sabiex socjeta' li tkun giet struck off terga' titqieghed fuq ir-registru tas-socjetajiet.*

8. *Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob li s-socjeta' Bramwell Limited (C 19629) terga' titqieghed fuq ir-Registru tas-socjetajiet, u li l-istralc jerga jinfetah ghal dak iz-zmien li l-Qorti joghgobha tispecifika u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa.*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors (fol 3 sa fol 8).

Rat **id-digriet** taghha kif diversament preseduta tal-15 ta' Ottubru 2020 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghall-udjenza tat-12 ta' Jannar 2021 fl-10:30am, u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Registratur tal-Kumpanniji b'ghoxrin jum zmien ghar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fil-21 ta' Ottubru 2021 (ara tergo ta` fol 10).

Rat illi fl-4 ta' Novembru 2020, ir-Registratur tal-Kumpanniji intimat ppresenta **ir-risposta** tieghu (fol 15) bid-dokumenti hemmek annessi, li permezz taghha, huwa sostna:

*Illi l-kumpannija Bramwell Limited (C 19629) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fil-11 ta' Jannar tas-sena 1996;*

*Illi sas-sena 2012 hija daħlet il-prospetti annwali għalkemm l-aħħar kont annwali mbgħad kien dak tas-sena 2004;*

*Illi fis-7 ta' Diċembru tas-sena 2012, il-kumpanija permezz ta' riżoluzzjoni ai termini ta' artikolu 265 tal-Att dwar il-Kumpaniji, bdiet il-proċedura tal-istralċ volontarju, daħlet ukoll dikjarazzjoni ta' solvenza ai termini tal-artiklu 268 tal-istess Att u ġie appuntat is-Sur Walter Xuereb detentur tal-karta tal-identita' numru 740648(M) bħala likwidatur tal-kumpanija (tali notifikazzjonijiet huma annessi u mmarkati bhala Dok. A, B u C rispettivament);*

*Illi fil-25 ta' Mejju tas-sena 2020, ġew sottomessi l-kontijiet ta' likwidazzjoni u l-liquidator's return, liema dokumenti huma annessi u mmarkati bhala Dok. D u E rispettivament;*

*Illi fit-3 ta' Ġunju 2020, ir-Reġistratur ħareġ notifika skont l-artikolu 401(1) tal-Att dwar il-Kumpaniji fejn ikkonferma illi l-likwidatur issottometta d-dokumenti kollha mitluba mil-ligi ghall-istralċ tal-kumpanija u fejn informa lil kull min jista' jkollu nteress illi fi zmien tliet xhur kien ser jiġi mħassar l-isem minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji (notifikazzjoni annessa u mmarkata bħala Dok. F).*

*Illi fl-4 ta' Settembru tas-sena 2020 l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru (notifikazzjoni annessa u mmarkata bħala Dok G);*

*Illi r-Reġistratur mexa skont il-ligi;*

*Illi għaldaqstant l-attur m'huwiex korrett meta jgħid illi huwa jhoss illi għandu dritt ai termini tal- artiklu 325(4) tal-Kap 386 li l-isem tal-kumpanija terġa titqiegħed fuq ir-Reġistru lil ghaliex dan ma kienx każ fejn ir-Reġistratur beda bil-proċedura tal-istralċ tal-kumpanija għax ma kienetx qegħda topera, iżda każ ta' stralċ volontarju u għalhekk l-artiklu tal-liġi li fuqu l-attur qed jibbaża l-argument tiegħu huwa żbaljat.*

*Illi r-Reġistratur iħoss li kien fid-dover tal-kumpanija u eventwalment tal-likwidatur, illi jkunu ċerti illi l-kumpanija ma kien fadlilha l-ebda assi pendenti qabel ma bdew u eventwalment komplew bl-istralċ volontarju;*

*Illi filwaqt li r-Reġistratur ma joġġezzjonax illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru, l-esponent umilment jissolleva illi dan m'għandux isir taħt l-Artikolu 325 tal-Att. Ta' min wieħed jgħid illi l-Att jipprovdi*

> *rimedji ad hoc għal każijiet bħal dawn u għalhekk il-kumpanija u l-uffiċjali tagħha għandhom imexxu tali talba taħt rimedji oħra illi tagħti l-ligi, bħal ngħidu aħna Artikoli 300A jew 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji. Skont ir-rimedju li jintgħazel, ir-Reġistratur jirriserva d-dritt illi jagħmel it-talbiet tiegħu neċessarji f'dak l-istadju;*
>
> *Illi għaldaqstant l-esponent huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*
>
> *Bl-ispejjeż.*

Rat ir-rikors tal-attur Ian Zammit tas-17 ta' Novembru 2020 u d-digriet tal-5 ta' Jannar 2021 li permezz tieghu gew awtorizzati xi emendi fir-Rikors promotur.

Rat ir-Risposta ulterjuri tar-Registratur intimat tat-18 ta' Dicembru 2020, li permezz taghha ir-Registratur intimat jiddikjara illi huwa ma ghandu ebda oggezzjoni li jekk il-Qorti thoss giust u xieraq, ir-rikorrent jibdel l-artiklu li a bazi tieghu qed jaghmel it-talba tieghu u jissolleva illi l-Artikolu 300B jintuza meta jezistu z-zewg elementi mitluba mill-ligi, specifikatament l-illegalita` ta' natura materjali jew il-frodi illi jridu jigi pprovati b'mod manifest.

Rat ir-Rikors tal-attur tat-12 ta' Jannar 2021 maghmul in segwitu ghar-Risposta tar-Registratur u d-digriet ghaliha moghti u verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2021.

Rat l-affidavit tal-attur ppresentat b'nota fid-29 ta' Lulju 2021 u l-affidavit ta' Walter Xuereb pprezentat b'nota tad-19 ta' Awissu 2021.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2021 minn fejn jirrizulta illi r-rikorrenti kellu bzonn ftit aktar zmien biex jirregolarizza l-posizzjoni tal-kumpannija de quo, u l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2021, minn fejn jirrizulta illi d-difensuri tal-partijiet kienu ddikjaraw illi r-rikorrenti kien irregolarizza l-pendenzi kollha li kien hemm u l-kawza setghet tithalla ghall-provvediment.

Rat ghalhekk illi, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawza thalliet ghall-llum ghall-provvediment.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent u li permezz taghha, ir-rikorrent jghid illi fit-3 ta' Settembru 2020, ir-Registratur intimat nehha u hassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji isem il-kumpannija kummercjali **Bramwell Limited (C-19629)**.

Jirrizulta li s-socjeta' Bramwell Limited kienet il-propjetarja ta' zewg propjetajiet immobbli li ma gewx inkluzi fil-likwidazzjoni tal-imsemmija socjeta`, u cioe dawk bin-numri 25 u 26 f'Sir Adriano Dingli Street Sliema. L-istess zewg proprietajiet twaqqghu u ittella' blokk appartamenti u l-istess appartamenti, ghajr ghal dak bin-numru erbgha [4] inbieghu u illum is-socjeta` tippossjedi biss l-imsemmi appartament bin-numru [4].

Ir-rikorrent ighid Illi b'rizultat ta' dak li ghamel ir-Registratur, is-socjeta` Bramwell Limited u l-azzjonisti taghha ser jigu pregudikati ghax ser jitlfu l-istess proprieta` meta l-istess socjeta' kienet u ghada l-propjetarja taghha.

Illi r-rikorrenti, bhala l-azzjonista maggoritarju fis-socjeta', ghandu kull interess li s-socjeta' Bramwell Limited terga' titpogga fuq ir-Registru tas-Socjetajiet, sabiex l-istess socjeta' tkun tista' validament tiddisponi minn din il-propjeta` u r-rikavat jitqassam bejn l-azzjonisti taghha.

Dan kollu huwa kkonfermat mir-rikorrent bil-gurament tieghu. Intant, Walter Xuereb, li kien likwidatur tas-socjeta` Bramwell Limited jikkonferma bil-gurament tieghu illi meta huwa lesta x-xoghol tieghu, huwa ddistribwixxa l-fondi tas-socjeta` minghajr ma saru kuntratti ta' trasferimenti ta' proprjeta` mis-socjeta` likwidata ghal fuq ir-rikorrenti Ian Zammit.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi r-Registratur intimat jissottolinea illi jekk il-kumpannija terga` titpogga lura fuq il-lista, dan ikun qed isir a benefficju esklussiv tar-rikorrenti u ghalhekk huwa ghandu jbaghti l-ispejjes. B'dana kollu, ir-Reġistratur jiddikjara illi m' għandux oġġezzjoni għat-talba u għalhekk lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment li l-Qorti jidrilha xierqa u opportun sabiex ir-rikorrent ikun fil-posizzjoni illi jeżerċita kwalunkwe drittijiet spettanti lilu fuq il-proprjeta` li ghadha tal-kumpannija.

**Art. 300A (1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta**

> *Meta fil-kors tal-istralċ ta' kumpanija l-istralċjarju ma jkunx ikkalkola xi assi tal-kumpanija, u l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna r-rettifika tal-iskema ta' distribuzzjoni, u l-Qorti tista', meta jidhrilha xieraq, tordna dik irrettifika taħt dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiziti li hemm bzonn biex kumpannija kummercjali li tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji in segwitu ghal stralc u jkun jirrizulta illi xi assi ma jkunux gew inkluzi fl-iskema ta' distribuzzjoni terga' ssib postha fuqu ai termini ta' l-Artiklu appena citat.

Il-Qorti hija sodisfatti illi kien hemm proprjeta` immobbli f'Tas-Sliema, li hija indikata fir-rikors promotur, illi baqghet ma giex distribwita mal-likwidazzjoni tal-kumpannija.

Mhemmx dubbju ukoll illi ai termini tas-sub-inciz (3) tal-Artiklu 300A ghadhom ghadhom ma ghaddewx il-hames snin minn meta il-kumpannija **Bramwell Limited (C-19629)** giet ikkancellata minn fuq ir-Registru.

Il-Qorti ghalhekk, fid-dawl tal-provvediment tal-KAP 386 hawn fuq ccitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artiklu 300A (1) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien hmistax il-jum, jerga' jdahhal l-isem ta' **Bramwell Limited (C-19629)** fuq ir-Registru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-Registru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tas-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligi relattiva ghal tali inserzjoni mill-gdid tal-kumpannija msemmija fir-Registru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Bramwell Limited (C-19629)** jitpogga lura fuq tali Registru tal-Kumpanniji ghal perjodu ta' sentejn bil-hsieb illi f'dan il-perjodu, jerga` jinfetah l-istralc tal-istess kumpannija u l-istess likwidatur Walter Xuereb jew likwidatur iehor mqabbad mill-kumpannija jiehu hsieb jiffinalizza u jitrasferixxi l-proprjeta` f'Tas-Sliema msemmija fir-rikors promotur lill-azzjonisti tal-kumpannija sabiex b'hekk

ikun accertat illi l-likwidatur jassikura illi l-proprjeta` kollha tal-kumpannija tkun giet distribwita skond l-iskema ta’ distribuzzjoni.

4. **Fil-raba’ lok**, tordna illi l-ispejjes ta’ din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi jista’ jinkorri ir-Registratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Bramwell Limited (C-19629)** fuq ir-Registru tal-kumpanniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**